MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1456/1992/1

Kawza fil-lista: 24

**A B mart C D, illum E, f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri F u G, ahwa D**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-kontendenti izzewgu fis-sena elf, disa' mija u tmienja u sebghin (1978) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, F ta' ghaxar (10) snin u G ta' hames (5) snin, ahwa D;

U peress li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba sevizzi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut zewgha fil-konfront taghha, u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

U peress li ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f' din l-istanza, skond il-Ligi, u dana b' Digriet ta' dik il-Qorti moghti fid-dsatax (19) ta' Ottubru, tas-sena korrenti (Digriet numru 1100/92) li kopja tieghu hi hawn annessa u imFata Dokument A;

Peress li l-attrici tixtieq ukoll li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xjolta u likwidata u l-beni parafernali u dotali taghha jigu lilha restitwiti;

Jghid il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m' ghandhiex din il-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti "a mensa et thoro" minhabba ir-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenut;

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri, F u G, ahwa D, tigi fdata lill-attrici, salv l-access tal-konvenut fil-granet u hinijiet stabbiliti mill-Qorti;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri manteniment xieraq skond il-Ligi bil-modalita' ta' jum, hin u lok tal-pagament dovut li ghandha tigi iffissata minn din il-Qorti, u inkluz f' dan il-manteniment, sehem proporzjonali ta' kwalsiasi bonus, "allowance" jew beneficcju iehor li ghandu jew jista' jircievi il-konvenut;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha u taqsamha f' zewg porzjonijiet li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti, bl-applikazzjoni kontra il-konvenut tal-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984), okkorrendo b' nomina ta' periti u billi jigi nominat Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-

att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici il-beni parafernali u dotali taghha;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, tal-Mandat ta' Qbid Numru 1734/92, tal-Mandat ta' Deskrizzjoni Numru 2132/92 u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1733/92 kontra il-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi, in linea preliminari l-ivvitwalita' u n-nullita' tac-citazzjoni stante li l-attrici mhux il-legittima rapprezentanti tat-tfal minuri.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba attrici hija nfondata sia fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemm l-ebda raguni li hija imputabbli lejn l-eccipjent u li ghandha taghti lok ghas-separazzjoni 'a mensa et thoro'.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjent huwa missier it-tfal u ghalhekk il-kura u l-kustodja ghandha tibqa' f' idejn l-eccipjent.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ghandha mezzi finanzjarji bizzejjed biex tmantni lilha nnifisha, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-raba' talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemm xejn li hu dovut lill-attrici oltre l-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kap 16 mhux applikabbli kontra l-konvenut stante li l-istess attrici mhux qed tallega l-adulterju u/jew l-abbandun fil-konfront tieghu jew xi raguni skond l-Artikolu 40 tal-Kap 16.

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hames talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-Arikolu 50 huwa applikabbli unikament f' kaz ta' adulterju u abbandun.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-8 ta' April 1994 li bih ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li jigu nseriti l-kliem "illum E" wara l-isem ta' l-attrici;

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit legali l-Avukat Dottor Marco Grixti, u tal-periti perizjuri l-Professur Andrew Muscat u l-Komputisti Paul Bezzina u Paul Giglio, minnhom debitament mahlufa;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni. Minn naha tieghu l-konvenut jichad l-ezistenza fil-konfront tieghu ta' fatturi li jaghtu l-lok ghas-separazzjoni personali.

**Separazzjoni Personali**

Illi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Ottubru 1978 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal li llum l-gurnata huma maggjorenni.

Illi matul il-proceduri l-partijiet imputaw diversi fatturi fil-konfront ta' xulxin li wassluhom ghas-separazzjoni personali, u fl-istess hin cahdu l-allegazzjonijiet maghmula

fil-konfront taghhom. In propositu l-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggjuni mill-perit legali.

L-ambjent li trabbew fih il-kontendenti kien is-sors ewlieni tad-diffikultajiet li rriskontraw maghhom il-partijiet fil-hajja matrimonjali taghhom. Filwaqt li l-attrici tiddeskrivi lill-konvenut bhala qammiel fil-flus, egoist u ndifferenti ghaliha, il-konvenut jghid li martu hija mara halja, mohha biex tonfoq kull ma jkollha minghajr ma tati kont tal-hinijiet twal li jahdem sabiex igib paga modesta ghall-familja. Dan il-punt kien fonti ta’ litigar kontinwu, u huwa dovut principalment ghall-fatt li, filwaqt li l-attrici gejja minn familja li ghandha stat finanzjarju felici, il-konvenut gej minn ambjent ta’ familja b’ mezzi finanzjarji modesti u li l-paga tieghu kienet wahda limitata.

Barra minnhekk, jezisti bejn il-partijiet nuqqas serju ta’ komunikazzjoni u fiducja reciproka; u jidher li ghalkemm kienu mizzewwgin ma kienux jafdaw lil xulxin u ma kienu jifthehmu fuq xejn u “kull haga li kienu jaghmlu l-kontendenti kienet tkun sfida lejn xulxin”. Dawn id-diffikultajiet u differenzi fundamentali bejn il-partijiet, kibru u gew alimentati bl-atteggjament tal-genituri rispettivi taghhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali li l-gibda familjara li kienet baqghet tezisti fil-kontendenti lejn il-genituri taghhom a skapitu ta’ l-unjoni matrimonjali taghhom, it-trobbija taghhom u l-karattru rispettiv taghhom wassluhom ghas-separazzjoni personali bit-tkissier irrimedjabbli taz-zwieg. Ghal dan jahtu z-zewg partijiet.

**Kura u Kustodja**

Illi llum il-gurnata z-zewgt-it tfal tal-partijiet huma maggjorenni, u ghalhekk ma hemmx aktar htiega li din il-Qorti tippronunzja ruhha f’ dan ir-rigward.

**Mantenimnet**

Illi dan il-kap illum ghandu relevanza biss fil-konfront tat-tielet talba attrici limitatament ghall-attrici, stante li t-tfal illum huma maggjorenni.

F’ dan ir-rigward il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li llum l-attrici ghandha xoghol bi qligh, gjaladarba z-zewg partijiet huma hatja, bl-imgieba taghhom, ghas-separazzjoni personali ta’ bejniethom, la l-attrici u lanqas il-konvenut m’ ghandhom id-dritt li jitlobu manteniment minghand xulxin, b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 52 b’ referenza ghal-artikolu 48[1][d] tal-Kap.16.

**Proprjeta’ Parafernali**

Illi in propositu l-Qorti taddotta l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjuni mill-perit legali fir-rapport tieghu kontenuti a fols491 sa 493 tal-process, salv ghal dak li ser jinghat aktar il quddiem.

Mill-kitba ta’ zwieg li saret mill-partijiet fis-27 ta’ Settembru 1978 [Fol.8] jirrizulta li l-proprjeta’ dotali ta’ l-attrici tikkonsisti fl-oggett mobbli elenkati taht il-partita [a] u li diga’ huma fil-pussess taghha, u l-ismha fis-socjetajiet J.B. Holdings u Germal Ltd li sussegwentement saru Benelux Holdings u li fiha l-attrici ghandha 1,600 ishma.

Minn naha l-ohra l-proprjeta’ parafernali tal-konvenut giet deskritta bhala li tikkonsisti f’ kontijiet bankarji elenkati taht il-partiti [a][b][c] u l-oggetti mobbli elenkati taht il-partita [d]. Inoltre, hemm l-oggett indikati fid-dokument HA pagna tlieta [3] a fol.391 indikati fl-ittra ‘P’ u li l-konvenut jididkjara li ghandhom fil-pussess ta’ l-attrici. Kif ukoll il-vettura tal-ghamla Fiat, li wara zwieg inbieghet u minnflokha nxtrat il-karrozza Honda Civic. Jirizulta wkoll nkontestat li tul iz-zwieg il-konvenut wiret proprjeta’ li nbieghet Lm20,000; u mir-rikavat taghha l-konvenut jghid li fadallu Lm10,000.

Illi l-Qorti taqbel mal-perit legali li l-attrici ghandha tirritorna lill-konvenut l-oggetti parafernali li ghadhom fil-pussess taghha, jew il-valur rispettiv taghhom kif indikat fl-imsemmi dok.HA; taqbel ukoll li l-oggetti kollha elenkati fil-kitba taz-zwieg ghandhom jittiehdu lura mill-proprjetarji taghhom rispettivi; u taqbel ukoll li l-karrozza Honda ghandha tigi assenjata lill-konvenut ghar-raguni ndikata fir-rapport; in fine taqbel ukoll mal-presunzjoni fattwali li l-kotba tal-bank

formanti parti mill-assi parafernali tal-konvenut ghandhom jitqiesu li ghadhom f’ idejn fin-nuqqas ta’ prova kuntrarja.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi l-assi tal-komunjoni jikkonsisti fis-segwenti: [A] kont bankarju ta’ Lm1,100, [B] oggetti mobbli elenkati fid-doki FD1 sa FD3 [fols.515 sa 517] u [C] is-somma ta’ Lm20,000 rikavat tal-bejgh ta’ art parafernali tal-konvenut.

[A] Rigward il-kont bankarju ta’ Lm1,100 jirrizulta li l-attrici zbankat din is-somma u ghalhekk tordna li l-attrici tirrifondi lill-konvenut is-somma ta’ hames mija u hamsin lira maltin [Lm550];

[B] Rigward l-oggetti mobbli elenkati fl-imsemmija dokumenti, il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport tal-perit tekniku Alfred Camenzuli [fol.452 et seq.] li ezamina l-mobbli appartenenti lill-komunjoni elenkati fid-dokumenti FD1 sa FD3, u li parti minnhom huma fil-pussess ta’ l-attrici elenkati taht il-partita ‘A’ u gew stmati komplessivament fl-ammont ta’ Lm2,259, u parti huma fil-pussess tal-konvenut elenkati taht il-partita ‘B’ stmati komplessivament fl-ammont ta’ Lm213.

In propositu jidher li jkun xieraq li kull parti zzomm il-mobbli li qedin fil-pussess taghha, u ghalhekk l-attrici ghandha thallas lill-konvenut in linea ta’ ekwiparazzjoni s-somma ta’ elf u tlieta u ghoxrin lira maltin [Lm1,023]

[C] Rigward ir-rikavat tal-prezz tal-bejgh il-Qorti tikkondividi l-konkluzjonijiet tal-perit legali fis-sens li din, ghalkemm taqa’ taht il-kappa tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, ghandha titqies ukoll bhala kreditu tal-konvenut kontra l-konvenut, u allura kollox jigi pari.

Izda l-perit legali jkompli josserva li l-konvenut bhala amministratur tal-beni tal-komunjoni kellu l-obbligu li jiggestixxi kollox fl-ahjar interess tal-komunjoni ghall-avvanz ta’ l-istess, u allura l-konvenut kellu l-obbligu li jinvesti dan il-kapital sabiex il-komunjoni ta’ l-akkwisti tiehu l-frott tieghu.

Minn naha tieghu l-konvenut jsostni li huwa, nefaq ammont sostanzjali ghall-bzonnijiet tieghu u fuq perijodu ta' tmien snin, baqalu is-somma Lm10,000 li ma kienx iddepozita minhabba l-biza ta' xi sekwestru minn naha ta' martu l-attrici.  Il-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, u tenut kont tas-sitwazzjoni nfelici li kienet tezisti bejn il-koppja ghal-zmien twil anke minhabba l-kwistjonijiet li kienu jinqalghu bejniethom minhabba l-flus, hija tal-fehma li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-perit legali, il-konvenut ma ghandu jigi ordnat li jirrifondi xejn lill-attrici. *Multo magis*, meta l-konvenut ma ma ha xejn u mhu ser jiehu xejn rigward is-shares, proprjeta' parafernali ta' l-attrici, fil-kumpanija Benelux Holdings.

Illi in propositu ghal dawn l-ishma l-Qorti taghmel ampja referenza ghar-rapport tal-periti perizjuri u taddottah fl-intier tieghu. In sostanza dwan ikkonkludew li:

[1] l-awment fil-valur ta' l-ishma tal-kumpanija Benelux Holdings, ma jikwalifikax bhala "frottijiet" fit-termini ta' l-artikolu 1320[b] tal-Kap.16;

[2] li l-akkwisti li l-istess kumpanija fiz-zmien li l-partijet kienu mizzewwgin m' ghandhomx jitqiesu bhala frottijiet tal-proprjeta' parafernali ta' l-attrici appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, u dan stante li l-kumpanija bhala socjeta' kummercjali ghandha personalita' distinta minn dik tal-membri taghha, u ghalhekk dak akkwistat minnha jappartjeni lill-kumapnija u mhux lill-membri taghha fosthom l-attrici;

[3] l-istess konsiderazzjoni tapplika ghall-profitti li ghamlet il-kumpanija u li qatt ma tqassmu lill-azzjonisti. F' dan ir-rigward l-periti rrilevaw li bhala regola generali kumpanija mhux obbligata li thallas dividend lill-azzjonisti taghha, ghax dan hu prerogattiva ta' l-organi tal-kumpanija; u fil-kaz odjern l-articles of association tal-kumpanija ma jobbligawx lill-kumpanija thallas dividend lill-azzjonisti taghha.

In propositu hija rilevanti l-osservazzjoni, li fl-eskuzzjoni tieghu l-Professur Andrew Muscat spjega li "jista' jkun

hemm cirkostanzi li meta ma jsirx distribution of dividends ikun qed jaghti lok ghal abbuz . . . .[izda] ma nahsibx li l-kaz fejn ikollok id-diretturi u l-azzjonisti membri ta' familja izid necessarjament il-lok ghal abbuz" [fol.645]; izda jkompli jghid li fil-kaz in disamin " irrizulta mill-provi li s-socjeta' Benelux Holdings Limited ma qasmitx id-dividends minhabba nuqqas ta' likwidita". [Fol.645]

Ghalhekkk huma kkonkludew: "Illi gjalarba l-attrici ma nghatat ebda dividend, il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut ma ghamlet ebda gwadann . . . . [u] ghalkemm ir-retained profits ziedu l-valur ta' l-ishma li ghandha l-attrici fil-kumpanija Benelux Holdings Limited, tali zieda fil-valur ma tapparjenix lill-komunjoni ta' l-akkwisti" [fol.632]

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lit-tnejn;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li t-tfal illum huma maggjorenni;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tilqa' r-raba talba limitatament billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u tillikwida u tassenja l-assi tal-komunjoni kif indikat taht l-intestatura 'Komunjoni ta' l-akkwisti' u konformament tordna li l-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltin [550] sehemu mill-kont bankarju fuq indikat, u s-somma ta' elf, u tlieta u ghoxrin lira Maltin [Lm1,023] ekwiparazzjoni dovuta fuq l-oggetti mobbli; inoltre tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet l-artikolu 52 b' referenza ghall-artikolu 48[1][d] tal-Kap.16;

[5] tichad il-hames talba stante li l-oggetti parafernali u dotali ta' l-attrici gja jinsabu fil-pussess taghha, izda tordna li l-attrici tikkosenja lill-konvenut l-oggetti ndikati bl-

ittra 'P' fid-dokument HA kif indikat taht l-intestatura 'Proprjeta' Parafernali'.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------